MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Numru 1144/2011

PULIZIJA
ANTHONY PORTELLI
VS
IVAN GALEA

Il- Qorti

Rat l-imputazzjoniet migjuba kontra IVAN GALEA ta' 37 sena, iben David u Maria Assunta nee' Vella, imwieled Pieta' nhar il- 5 hamsa ta' Ottubru 1974, presentament minghajr residenza fissa, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 500774 (M).

Illi huwa akkuzat talli gewwa Hal-Qormi nhar it-13 ta' Ottubru 2011 ghal-habta tas- 1:00 ta' filghodu flimkien ma persuna ohra, ikkommetta serq ta' diesel minn vettura tal-

ghamla Caterpillar 320, liema vettura kienet gewwa sit ta' konstruzzjoni fi Triq Qormi gewwa Hal-Qormi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valuri li jeccedi 23.90 euro izda li ma jeccedix 232.94 euro, u dan ghad-detriment ta' Carmelo Bonnici u/jew persuni ohra.

Il- Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recediv ai termini tal-artikli 49,50, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Appell u tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet ix-xhieda bil-gurament

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti l-atti kollha tal-kas;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti issib lil imputat Ivan Galea hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 261,263,264,270,271,49,50 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta tikkundanna lil imputat ghal sena prigunerija.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, l- fedina penali raffrettarissima tieghu u l-fatt li l-imputat huwa

persuna illi ilu jabbuza mid-droga eroina u kokaina ghal snin twal u f'ammonti konsiderevoli u jinhtieg illi jibda u jikkompleta programm ta riabilitazzjoni kontra d-droga fi hdan l-istutuzzjonijiet addetti ma Facilita Korrettiva ta Kordin.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal- Facilita Korrettiva ta Kordin jassigura li dan isehh mill-aktar fis possibli u ghal dan il-ghan tordna komunika ta din is-sentenza lil istess Direttur ta din il-Facilita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------